# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Mariella Bugeja**

**Kumpilazzjoni Numru: 1178/2012**

**Illum, 10 ta' Gunju, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mariella Bugeja, detentrici tal-karta tal-identita` numerata 317176M akkuzata talli:

1. Nhar is-27 ta' Settembru 2012 ghall habta tal-11:00hrs gewwa Dawn il-Gzejjer ta Malta kkommettiet serq ta' cheque book Ta' Bank of Valletta mmarkat 22-666 ghad-dannu ta l-istess Bank of Valletta u ta' Luigi Albert Naudi id:

211825M, u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil Persuna u bil-lok.

Talli b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b'resoluzzjoni wahda.

2. Aktar talli gewwa dawn il-gzejjer, f'diversi bnadi nhar l-1 ta' Ottubru u l-granet ta' qabel b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' (€500) hames mitt Euro ghad-dannu ta' Luigi Albert Naudi.

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe` diversi cekkijiet, illi meta gew prezentati setghet irceviet bihom

hlas, jew hadet il-kunsinna ta' ogetti, jew gabret depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat u cioe diversi cekkijiet proprjeta ta' Bank of Valletta, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawk il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

6. Fl-istess dati, hinijiet u cirkustanzi irrendiet ruhha recidiva skont diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) skont artikoli 49, 50 u 289 ta Kap 9.

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata mill-imputata tal-akkuzi kif dedotti kontriha fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2018 a fol. 53 tal-atti processwali;

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar 2018 fejn id-difiza talbet li jithejja *pre-sentencing report*;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2018 il-*Probation Officer* Deborah Farrugia pprezentat *pre-sentencing report* (Dok DF1 a fol. 59 et seq.) fejn ix-xhud irrakkomandat dan li gej:

> *'Ghaldaqstant, in vista ta' dan kollu u kif ukoll tal-akkuzi migjuba kontra l-imputata, qed jigi umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputata titqieghed taht Ordni ta'*

*Probation u Servizz skont l-Artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn l-element ta' Probation ikun dak ta' tliet snin u l-element ta' xoghol ikun dak ta' erbghin siegha u kif ukoll taht Ordni ta' Trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*L-ghan ta' dan huwa li l-imputata tkompli tinghata t-terapija mehtiega izda fl-istess hin terfa' responsabbilta` ta' ghemilha u titghallem mill-izbalji taghha sabiex ma tergax tirrikorri ghall-mezzi kriminali biex issolvi problemi li tista' tiltaqa' maghhom u fl-istess waqt taghti kumpens lis-socjeta`.'*

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 2019 fejn id-difiza ddikjarat illi qed tistrieh fuq ir-rapport tal-Probation Officer u li l-imputata lesta li toqghod taht dawk il-kundizzjonijiet imposti mill-Probation Officer.

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 2019 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputata li hija wahda refrattarja kif ukoll l-istqarrija tal-imputata.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-istess imputazzjonijiet.

Illi l-Qorti nnutat li l-imputata nghatat zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra l-ammissjoni taghha stante li kien hemm trapass ta' zmien bejn l-ammissjoni taghha (seduta tat-22 ta' Jannar 2018) u s-seduta li fiha l-imputata ddikjarat illi hija lesta toqghod ghall-kundizzjonijiet tal-Probation Officer u l-kawza thalliet ghas-sentenza (seduta tal-11 ta' Marzu 2019).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 268, 269, 281, 308, 310, 167, 183, 184, 49, 50, 289 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446

tal-Ligijiet ta Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata Mariella Bugeja hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputata titqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tliet (3) snin u kif ukoll ghal Servizz fil-komunita` ghal erbghin (40) siegha. Inoltre u a bazi tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed timponi Ordni ta' Trattament ghal tliet (3) snin liema ordnijiet ghandhom jiffurmaw parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputata r-riperkussjonijiet jekk l-Ordni ta' *Probation* u Servizz u l-Ordni ta' Trattament ma jigux obduti.

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**